Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 7 ta' Lulju 2017**
**(OR. en)**

**10850/2/17**
**REV 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0810 (COD)**

**EF 148**
**UEM 223**
**ECOFIN 601**
**INST 287**
**CODEC 1173**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Mario DRAGHI, President tal-Bank Ċentrali Ewropew |
| data meta waslet: | 23 ta' Ġunju 2017 |
| lil: | Is-Sinjura Helena DALLI, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument "Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew".

E-MAIL / ~~FAX~~

IM 06740 2017
23.06.2017

EUROPEAN CENTRAL BANK

EUROSYSTEM

Mario Draghi
President

Ms Helena Dalli
Minister for European Affairs and Equality
Auberge d'Aragon
Independence Square
Valletta VLT 2000
Malta

Frankfurt, 22 June 2017
L/MD/17/245

**ECB recommendation for a Decision of the European Parliament and of the Council amending Article 22 of the Statute of the European System of Central Banks and of the European Central Bank**

Dear Ms Dalli,

I am submitting you, along with the present letter, a Recommendation for a Decision of the European Parliament and of the Council amending Article 22 of the Statute of the European System of Central Banks (ESCB) and of the European Central Bank (ECB) (hereinafter the 'Statute of the ESCB'). The Recommendation is simultaneously being transmitted to the European Parliament.

The rationale for the Recommendation is further explained in the explanatory memorandum accompanying the Recommendation.

Yours sincerely,

Mario Draghi

Cc: Mr Donald Tusk, President of the European Council,
Prof. Edward Scicluna, Minister for Finance of Malta,
Mr Jeppe Tranholm-Mikkelsen, Secretary-General of the Council of the European Union,
Mr Jean-Claude Juncker, President of the European Commission,
Mr Valdis Dombrovskis, Vice-President of the European Commission for the Euro and Social Dialogue, also in charge of Financial Stability, Financial Services and Capital Markets Union

Address
European Central Bank
Sonnemannstrasse 20
60314 Frankfurt am Main
Germany

Postal address
European Central Bank
60640 Frankfurt am Main
Germany

Tel.: +49 69 1344 7300
Fax: +49 69 1344 7305
E-mail: office.president@ecb.europa.eu
Website: www.ecb.europa.eu

Magħmul fi Frankfurt am Main, 22 ta' Ġunju 2017.

**Rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew**

**(BĊE/2017/18)**

(ippreżentata mill-Bank Ċentrali Ewropew)

**MEMORANDUM SPJEGATTIV**

I. INTRODUZZJONI

Fl-4 ta' Marzu 2015, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha fil-Kawża T-496/11 *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq* vs *Il-Bank Ċentrali Ewropew*[1]. Il-Qorti Ġenerali qalet li l-Bank Ċentrali Ewropew (il-BĊE) m'għandux il-kompetenza meħtieġa biex jirregola l-attività ta' sistemi tal-ikklerjar, inklużi kontropartijiet ċentrali (CCPs). Għal dik ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali annullat il-Qafas tal-Politika ta' Sorveljanza tal-Eurosistema li ġiet ippubblikata mill-BĊE fil-5 ta' Lulju 2011, inkwantu din stabbilixxiet bħala rekwiżit li s-CCPs ikunu jinsabu fi Stat Membru taż-żona tal-euro.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-Artikolu 129(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi għal proċedura emendatorja simplifikata fir-rigward ta' ċerti artikoli tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ"). Dan jippermetti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, hekk kif jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u fuq rakkomandazzjoni mill-BĊE jew proposta mill-Kummissjoni, biex jemendaw l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li huwa l-kompitu tal-BĊE biex jitlob lil-leġislatura tal-Unjoni Ewropea biex temenda l-Artikolu 22, jekk il-BĊE jidhirlu li huwa neċessarju li jkollu s-setgħa li jirregola s-CCPs sabiex ikun jista' jwettaq kif suppost il-kompitu msemmi fir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat.

Żviluppi sinifikanti fuq livell kemm globali kif ukoll Ewropew huma mistennija li jżidu r-riskji li joħolqu s-sistemi tal-ikklerjar, b'mod partikolari s-CCPs, għat-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas u għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika, li finalment jaffettwaw l-objettiv ewlieni tal-Eurosistema li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-BĊE jissottometti din ir-rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ. Skont l-Artikolu 40.3 tal-Istatut tas-SEBĊ, il-Kunsill Governattiv adotta r-rakkomandazzjoni b'unanimità. Ser tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ECLI: EU:T:2015:133.

## II. KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

Disturbi li jaffettwaw is-CCPs jista' jkollhom impatt fuq l-objettiv ewlieni tal-Eurosistema li żżomm l-istabbiltà tal-prezzijiet permezz ta' diversi kanali. L-ewwel nett, dawk id-disturbi jistgħu jaffettwaw il-pożizzjoni ta' likwidità ta' istituzzjonijiet ta' kreditu fiż-żona tal-euro, biex b'hekk potenzjalment iħarbtu t-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas taż-żona tal-euro. Dan jista' jwassal għal domanda akbar għal likwidità tal-banek ċentrali u sfidi possibbli fl-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika tal-Eurosistema. It-tieni nett, dawk id-disturbi jistgħu jagħmlu ħsara lit-tħaddim ta' segmenti tas-suq finanzjarju li jkunu kruċjali għat-trasmissjoni tal-politika monetarja.

Fl-2012, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) Nru 648/2012[2] li jistabbilixxi, inter alia, il-qafas regolatorju u superviżorju sabiex jiġi żgurat li s-CCPs huma siguri u sodi u jikkonformaw f'kull ħin ma' rekwiżiti strinġenti organizzazzjonali, tal-kondotta fin-negozju u prudenzjali. Dan il-qafas regolatorju jinkludi arranġamenti ta' sorveljanza kollettivi fil-forma ta' kulleġġi, li jipprovdu għall-involviment tal-Eurosistema, inkluż taħt sitwazzjonijiet ta' stress fejn l-istabbiltà tal-munita tista' tkun tinsab f'riskju. Barra minn hekk, fid-dawl tal-importanza sistemika li qiegħda tikber tas-CCPs, il-Kummissjoni Ewropea adottat proposta għal Regolament dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' CCPs[3].

Żviluppi sinifikanti fuq livell kemm globali kif ukoll Ewropew huma mistennija li jżidu r-riskji li joħolqu s-sistemi tal-ikklerjar, b'mod partikolari s-CCPs, għat-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas u għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika, li finalment jaffettwaw l-objettiv ewlieni tal-Eurosistema li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet.

L-ewwel nett, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ser ikollu impatt kbir fuq l-abbiltà tal-Eurosistema biex twettaq il-kompiti tagħha bħala bank ċentrali għall-ħruġ tal-euro. Preżentament, CCPs stabbiliti fir-Renju Unit jikklerjaw volumi sinifikanti ta' tranżazzjonijiet iddenominati f'euro: il-valuri stmati ta' kuljum ta' repos iddenominati f'euro u pożizzjonijiet miftuħa fi swaps tar-rati tal-imgħax iddenominati f'euro huma rispettivament EUR 101 biljun u EUR 33 triljun (madwar 99 % tas-suq tal-Unjoni)[4]. B'hekk, disturb sinifikanti li jaffettwa CCP ewlieni tar-Renju Unit jista' jwassal għal tnaqqis drastiku fil-likwidità fi ħdan iż-żona tal-euro. L-abbiltà tal-Eurosistema li timmonitorja u tiġġestixxi r-riskji li jippreżentaw is-CCPs tar-Renju Unit ser jiġu affettwati b'mod avvers jekk is-CCPs tar-Renju Unit ma jibqgħux soġġetti għall-qafas regolatorju u superviżorju għas-CCPs tal-Unjoni taħt ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Barra minn hekk, l-arranġamenti preżenti bejn il-BĊE u l-Bank of England għall-iskambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni fir-rigward ta' CCPs tar-Renju Unit b'kummerċ sinifikanti ddenominat f'euro jibnu fuq, iżda ma jistgħux jissostitwixxu, arranġamenti superviżorji kollettivi fil-forma ta' kulleġġi stabbiliti taħt ir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Fil-futur, is-CCPs tar-Renju Unit jistgħu minflok ikunu soġġetti biss għar-reġim applikabbli għal CCPs ta' pajjiżi terzi taħt dak ir-Regolament.

---

2 Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

3 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012 u (UE) Nru 2015/2365 (COM(2016) 856 final).

4 LCH.Clearnet Ltd CPMI-IOSCO, informazzjoni pubblika dwar żvelar kwantitattiv, Jannar 2017.

It-tieni nett, l-ikklerjar ċentrali sar ta' natura dejjem aktar transkonfinali u sistemikament importanti. Fis-summit ta' Settembru 2009 f'Pittsburgh, il-mexxejja tal-G20 ftiehmu li l-kuntratti derivattivi OTC standardizzati kollha għandhom jiġu kklerjati permezz ta' CCP. Dan l-impenn ġie affermat mill-ġdid mill-mexxejja tal-G20 f'Ġunju 2010, u implimentat fl-Unjoni bir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Barra minn hekk, l-integrazzjoni ta' swieq finanzjarji tal-Unjoni fissret li s-CCPs evolvew minn stat fejn primarjament kienu jaqdu bżonnijiet u swieq domestiċi għal stat fejn jikkostitwixxu infrastrutturi kritiċi fis-swieq finanzjarji tal-Unjoni. Dawn l-iżviluppi wasslu għal żieda drammatika fl-iskala u l-importanza tas-CCPs fl-Unjoni u globalment.

It-tielet nett, fit-13 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha sabiex tiżgura stabbiltà finanzjarja u s-sigurtà u s-sodezza ta' CCPs li huma ta' relevanza sistemika għas-swieq finanzjarji madwar l-Unjoni[5]. Il-proposta tal-Kummissjoni trid tintroduċi superviżjoni aktar integrata mis-superviżuri u r-responsabbiltajiet għal bank ċentrali emittenti sabiex jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp ta' swieq kapitali integrati b'mod aktar profond u aħjar. Hija qiegħda tfittex ukoll li tindirizza l-kwistjonijiet li jqumu mill-irtirar tar-Renju Unit mill-Unjoni u sabiex tiżgura li s-CCPs li għandhom rwol sistemiku importanti għas-swieq finanzjarji tal-Unjoni jkunu soġġetti għal salvagwardji pprovduti mill-qafas legali tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest sabiex jiġi żgurat li l-Eurosistema bħala bank ċentrali ta' ħruġ għall-euro jista’ jaqdi r-rwol previst mill-proposta leġiżlattiva, hija ta’ importanza primarja li jkollu s-setgħat rilevanti skont it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ. L-Eurosistema għandu jkollha s-setgħa li timmonitorja u tevalwa r-riskji li jinħolqu minn CCPs li jikklerjaw ammonti sinifikanti ta' tranżazzjonijiet iddenominati f'euro. Dan għandu jinkludi, b’mod partikolari, s-setgħat regolatorji li jiġu adottati valutazzjonijiet vinkolanti u li tkun meħtieġa azzjoni korrettiva, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn tal-Unjoni b'risposta għal riskji li jaffettwaw il-kompiti bażiċi u l-objettiv ewlieni tal-Eurosistema. Barra minn hekk, fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi protetta l-istabbiltà tal-euro, il-BĊE għandu jkollu s-setgħat regolatorji barra mill-qafas tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 biex jadotta rekwiżiti addizzjonali għal CCPs involuti fl-ikklerjar ta' ammonti sinifikanti ta' tranżazzjonijiet iddenominati f'euro.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-BĊE jikkunsidra li huwa neċessarju li jingħata s-setgħa li jirregola s-sistemi tal-ikklerjar, b'mod partikolari s-CCPs, sablex ikun jista' jwettaq kif suppost il-kompiti bażiċi tiegħu msemmija fl-ewwel u fir-raba' inċiżi tal-Artikolu 127(2) tat-Trattat.

5 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-proċeduri u l-awtoritajiet involuti għall-awtorizzazzjoni ta’ CCPs u r-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta’ CCPs ta’ pajjiżi terzi (COM(2017) 331 final).

**Rakkomandazzjoni għal**

**"DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 129(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 40.1 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea*,

Waqt li jaġixxi skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-kompiti bażiċi li għandhom jitwettqu permezz tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) jinkludu d-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Unjoni u l-promozzjoni tat-tħaddim bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas. Infrastrutturi tas-suq finanzjarju siguri u effiċjenti, b'mod partikolari sistemi tal-ikklerjar, huma essenzjali għat-twettiq ta' dawn il-kompiti bażiċi.

(2) Sabiex jinkisbu l-objettivi tas-SEBĊ u sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura sistemi tal-ikklerjar u ta' ħlas effiċjenti u sodi fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi oħrajn.

(3) Fl-4 ta' Marzu 2015, il-Qorti Ġenerali tat is-sentenza tagħha f'*Ir-Renju Unit* vs *il-BĊE*, Kawża T-496/11[1], li qalet li l-BĊE m'għandux il-kompetenza meħtieġa biex jirregola l-attività ta' sistemi tal-ikklerjar. Il-Qorti Ġenerali stqarret li l-Artikolu 129(3) tat-Trattat jippermetti lill-Parlament u lill-Kunsill, hekk kif jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, u fuq rakkomandazzjoni mill-BĊE, biex jemendaw l-Artikolu 22 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali (iktar 'il quddiem l-"Istatut

tas-SEBĊ"). Il-Qorti kkonkludiet li 'huwa l-kompitu tal-BĊE, fil-każ li jqis li r-rikonoxximent favur tiegħu ta' setgħa regolatorja tal-infrastrutturi li jwettqu clearing ta' operazzjonijiet fuq titoli huwa neċessarju għall-funzjonament tajjeb tal-ħidma prevista fir-raba' inċiż tal-Artikolu 127(2) TFUE, li jitlob lil-leġiżlatur tal-Unjoni emenda għall-Artikolu 22 tal-Istatuti, billi jiżdied riferiment espliċitu għas-sistemi ta' clearing ta' titoli.'

(4) Żviluppi sinifikanti fuq livell kemm globali kif ukoll Ewropew huma mistennija li jżidu r-riskji li disturbi li jaffettwaw is-sistemi tal-ikklerjar, b'mod partikolari kontropartijiet ċentrali (CCPs), jheddu t-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja unika, li finalment jaffettwaw l-objettiv ewlieni tal-Eurosistema li tinżamm l-istabbiltà tal-prezzijiet.

(5) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brettanja u l-Irlanda ta' Fuq innotifika lill-Kunsill Ewropew bl-Intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni Ewropea. Il-ħruġ tar-Renju Unit ser iwassal għal bidla fundamentali fil-mod kif ċerti attivitajiet ta' kklerjar ddenominati f'euro li huma sistemikament importanti huma rregolati, issorveljati u miżmuma taħt superviżjoni, biex b'hekk tiġi affetwata b'mod avvers l-abbiltà tal-Eurosistema li timmonitorja u tiġġestixxi r-riskji għat-tħaddim mingħajr xkiel ta' sistemi ta' ħlas, u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja tal-Eurosistema.

(6) L-ikklerjar ċentrali qiegħed isir dejjem aktar ta' natura transkonfinali u sistemikament importanti. Minħabba s-sħubija diversa tagħhom u n-natura pan-Ewropea tas-servizzi finanzjarji li jipprovdu, is-CCPs huma ta' importanza kruċjali għall-Unjoni kollha kemm hi, u b'mod partikolari għaż-żona tal-euro. Dan huwa rifless fir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], li jistabbilixxi arranġamenti superviżorji kollettivi fil-forma ta' kulleġġi, komposti mill-awtoritajiet nazzjonali u tal-Unjoni relevanti, inkluża l-Eurosistema fir-rwol tagħha bħala l-bank ċentrali emittenti tal-euro.

---

** Dan in-numru ser jiġi allokat mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea meta l-opinjoni tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
ECLI: EU:T:2015:133.

2 Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(7) Sabiex tindirizza dawn il-kwistjonijiet, fit-13 ta' Ġunju 2017 il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta leġiżlattiva tagħha sabiex tiżgura l-istabbiltà finanzjarja u s-sigurezza u s-sodezza ta' CCPs li huma ta' relevanza sistemika għal swieq finanzjarji madwar l-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-Eurosistema bħala bank ċentrali ta' ħruġ għall-euro jista' jaqdi r-rwol previst fil-proposta leġiżlattiva, huwa ta' importanza primarja li jkollha s-setgħat rilevanti skont it-Trattat u l-Istatut tas-SEBĊ. B'mod partikolari, l-Eurosistema għandu jkollha setgħat regolatorji biex tadotta valutazzjonijiet vinkolanti u biex teħtieġ azzjoni korrettiva, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn tal-Unjoni. Barra minn hekk, meta jkun neċessarju biex tiġi protetta l-istabbiltà tal-euro, il-BĊE għandu jkollu wkoll is-setgħat regolatorji biex jadotta rekwiżiti addizzjonali għal CCPs involuti fl-ikklerjar ta' ammonti sinifikanti ta' tranżazzjonijiet iddenominati f'euro.

(8) L-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ huwa parti mill-Kapitolu IV "Funzjonijiet u operazzjonijiet monetarji tas-SEBĊ". Il-kompiti mogħtijin minnu għandhom għalhekk jintużaw biss għall-finijiet tal-politika monetarja.

(9) Għal dawn ir-raġunijiet, il-BĊE għandu jingħata kompetenza regolatorja fuq sistemi tal-ikklerjar, b'mod partikolari CCPs, permezz ta' emenda għall-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 22 tal-Istatut tas-SEBĊ huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 22*

**Sistemi tal-ikklerjar u sistemi ta' ħlas**

Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżgura sistemi tal-ikklerjar u tal-ħlas effiċjenti u sodi, u sistemi tal-ikklerjar għal strumenti finanzjarji, fi ħdan l-Unjoni u ma' pajjiżi oħrajn.'

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea*."

Magħmul fi Frankfurt am Main, 22 ta' Ġunju 2017.

*Il-President tal-BĊE*

Is-Sur Mario DRAGHI